31997R1509

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1509/97
tat-30 ta' Lulju 1997
li jikkonċerna l-klassifika ta' ċerta merkanzija fin-nomenklatura magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar it-tariffa u n-nomenklatura statistikali u dwar it-Tariffa Doganali Komuni [1], kif l-aħħar emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1195/97 [2], u partikolarment l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura magħquda annessa mar-Regolament imsemmi, huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri li jirrigwardaw il-klassifika ta' l-oġġetti riferiti fl-Anness ma' dan ir-Regolament;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u dawn ir-regoli wkoll japplikaw għal xi nomenklatura oħra li hija kompletament jew parzjalment ibbażata fuqha jew li żżid xi suddiviżjoni addizzjonali magħha u li hija stabbilita minn disposizzjonijiet speċifiċi tal-Komunità, bl-intenzjoni li jiġu applikati t-tariffa u miżuri oħra li jirrigwardaw il-kummerċ ta' l-oġġetti;

Billi, skond ir-regoli ġenerali msemmija, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella mehmuża ma' dan ir-Regolament iridu jiġu klassifikati skond il-kodiċijiet approprjati tan-NM indikati fil-kolonna 2, bis-saħħa tar-raġunijiet iddikjarati fil-kolonna 3;

Billi hija aċċettabbli li l-informazzjoni tat-tariffa li torbot maħruġa mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri dwar il-klassifika ta' l-oġġetti fin-nomenklatura magħquda u li mhumiex konformi mad-drittijiet stabbiliti minn dan ir-Regolament, jistgħu jkomplu jintalbu, skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità [3], għal perjodu ta' tlett xhur mid-detentur;

Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma b'mod konformi ma' l-opinjoni tat-taqsima tan-nomenklatura tat-tariffa u statistika tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali rigward il-prodotti Nri 1 sa 4 fl-iskeda annessa,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella mehmuża huma issa klassifikati ġewwa n-nomenklatura magħquda skond il-kodiċijiet approprjati tan-NM indikati fil-kolonna 2 tat-tabella msemmija.

Artikolu 2

L-informazzjoni tat-tariffa li torbot maħruġa mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri li mhix konformi mad-drittijiet stabbiliti minn dan ir-Regolament tista' tkompli tintalab skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 għal perjodu ta' tlett xhur.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, it-30 ta' Lulju 1997.

Għall-Kummissjoni

Mario MONTI

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1.
[2] ĠU L 170, tat-28.6.1997, p. 11.
[3] ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1.

ANNESS

Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Klassifikazzjoni Kodiċi tan-NM	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
1. Uċuh tal-bibien, tal-*fibreboard* ta' densità li taqbeż il-0,8g/ċm^3, bl-ewwel passata, iffurmat għal forma u l-istil ta' panew tal-bieb intern tradizzjonali. Dawn l-uċuh huma integrati fil-bibieb interni.	4411 19 00	Il-klassifikazzjoni hija stabbilita mid-disposizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u mill-kliem tal-kodiċi tan-NM 4411, 4411 19 u 4411 19 00.
2. Blokki rettangolari ta' l-injam, 48 jew 85 mm wisgħa x 72 mm għolja, użati fil-kostruzzjoni tal-qafas tat-twieqi, li jikkonsistu minn saffi nkollati flimkien mal-granelli li jimxu parallelli u bit-trufijiet kemm kemm fit-tond.	4418 90 10	Il-klassifikazzjoni hija stabbilita mid-disposizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u mill-kliem tal-kodiċi tan-NM 4418, 4418 90 u 4418 90 10. L-injam laminat huwa oġġett tax-xogħol tal-mastrudaxxa.
3. "Globu mużikali ta' burraxka" silġ', li jikkonsisti minn globu tal-ħġieġ miġbura mekkanikament u ffissat ma' bażi tal-plastik li fiha kaxxi mużikali. Il-globu tal-ħġieġ huwa mimli b'likwidu li jdawwar il-figurini u bi troffi artifiċjali tal-borra. Meta l-globu huwa mċaqlaq, it-troffi tal-borra jissimilaw burraxka borra.	7013 99 90	Il-klassifikazzjoni hija stabbilita mid-disposizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1, 3(b) u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u mill-kliem tal-kodiċi tan-NM 7013, 7013 99 u 7013 99 90
4. Art ta' l-istalla għal qobla, magħmula minn folja ta' l-azzar espandut miksija bil-plastik bit-truf maħdumin u bl-appoġġi taħthom. L-art hija ddisinjata biex tiffaċilita t-tindif.	7308 90 59	Il-klassifikazzjoni hija stabbilita mid-disposizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u mill-kliem tal-kodiċi tan-NM 7308 ,7308 90 u 7308 90 59.